# Il-kontemplazzjoni ċċelebrata

## *fil-Liturġija Karmelitana Medjevali*

minn P. Glen Attard, O.Carm.

Il-pjan ta' Alla - imwettaq bis-sħiħ minn Ġesù Kristu - li ried juri lilu nnifsu lilna l-bnedmin, isalvana, u jdaħħalna f'komunjoni aktar intima miegħu flimkien mat-tweġiba tagħna l-bnedmin fit-tifħir u r-radd ta' ħajr lil Alla jiġu flimkien fil-liturġija. Il-liturġija għalhekk hija l-ħidma ta' Kristu u t-talba tal-Knisja, hija sinjal li jidher tal-għaqda ta' Alla u l-bnedmin permezz ta' Kristu, bħal Ġisem Mistiku magħmul minn ħafna membri imma Ras waħda li hu Kristu. Imkien daqskemm fil-liturġija ma nersqu qrib il-preżenza sagra ta' Alla. Imkien daqskemm fil-liturġija ma niċċelebraw flimkien bħala komunità Nisranija waħda l-għeruq tagħna, u ninbnew fl-imħabba kbira li biha Alla ħabbna.

Il-liturġija tal-Ordni Karmelitan hija marbuta sew mal-istorja tiegħu u mal-ispirtu li sa mill-bidu mbuttah biex janima b'ċertu mod it-talb tiegħu lil Alla. Żewġ fatturi prinċipali ddeterminaw l-istil tat-talb fil-liturġija Karmelitana: l-ewwel, il-fatt li m'hemmx fundatur, mudell konkret li jista' faċilment iservi ta' gwida spiritwali, u t-tieni, il-fatt li ftit wara l-bidu tagħhom fl-Art Imqaddsa l-ewwel Karmelitani kellhom jemigraw lejn l-Ewropra u b'hekk jadattaw il-ħajja tagħhom b'mod ġenerali mingħajr ovvjament ma jitilfu l-*propositum* (is-sejħa inizzjali) li kien ġabhom flimkien. Ir-riżultat ta' dan kien li l-Karmelitani kellhom kostantement jeżaminaw x'inhu l-essenzjal tal-kariżma tagħhom u l-aħjar lingwaġġ biex jesprimu u jiċċelebraw dan fit-talb.

L-eremiti fuq l-Għolja tal-Karmelu, li kienu jgħixu qrib l-Għajn ta' Elija, kienu jgħixu stil ta' ħajja pjuttost sobrju. Ir-Regula li kitbilhom il-Patrijarka ta' Ġerusalemm sempliċiment ifformalizzat bil-miktub dak li huma kienu diġà jgħixu. Skont din ir-Regula ta' San Albert, qabel ma' din ġiet mitigata mir-reviżuri Dumnikani li qabbad il-Papa Innoċenzu IV fl-1247, għalkemm ħafna mill-ħin kienu jqattgħuh weħidhom "lejl u nhar jimmeditaw il-Liġi tal-Mulej" (nru 10) kienu jiltaqgħu flimkien kuljum għall-Ewkaristija u l-ikel fil-komun, apparti l-Kapitlu nhar ta' Ħadd. It-talb ta' dawn l-eremiti kien iċċentrat kollu kemm hu madwar Kristu li għalih, tħeġġeġ ir-Regula, jilbsu l-armi spiritwali tas-safa, ħsibijiet qaddisa, ġustizzja, fidi, saħħa, u l-Kelma tal-Mulej sabiex jitqabdu t-taqbida t-tajba tal-fidi. Kienu jiċċelebraw ir-Rit tas-Santu Sepulkru, liturġija, fil-fatt, li tiddistingwi ruħha għall-memorja kostanti tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Dan huwa l-ispirtu li bih l-ewwel Karmelitani kienu mimlijin waqt it-talb. Kien sinifikanti wkoll il-post li kienu jgħixu fih, l-Għajn ta' Elija, preżenza sagra ta' profeta li fittex b'kuraġġ il-wiċċ ta' Alla, iltaqa' miegħu fis-skiet tal-Ħoreb, u ħadem għalih bla waqfien fil-qalba tas-saltna t'Iżrael. L-ewwel oratorju f'nofs iċ-ċelel kien iddedikat lis-Sinjura tal-Post, Santa Marija tal-Għolja tal-Karmel. Flimkien ma' Ġesù, Marija tinsab fiċ-ċentru tal-aħwa bħala Patruna, Omm, u Oħt biex tkun magħhom fl-avventura tal-kontemplazzjoni.

Fl-Ewropa, il-Karmelitani żammew il-liturġija tas-Santu Sepulkru u ċ-ċentralità tal-Għid ta' Kristu fit-talb tagħhom, imma adattaw ruħhom ukoll għaċ-ċirkustanzi l-ġodda li poġġiet fuqhom il-Knisja fil-Punent. Fattur importanti waqt it-talb kien li l-Liturġija tas-Sigħat issa bdiet tingħad flimkien. L-Ordni Karmelitan kiber u nfirex; sal-1281 kien diġà jgħodd mal-għaxar Provinċji. F'dan l-ambjent internazzjonali għalhekk għandna fjoritura ta' testi minn diversi tradizzjonijiet li kienu jintużaw għal-liturġija komuni. Minħabba

f'hekk, fl-1312, il-Kapitlu Ġenerali ta' Londra ppubblika l-*Ordinal* li ġabar Sibert de Beka (c. 1260-1332) biex jagħmel ordni mil-liturġija li kienet qiegħda tiġi ċċelebrata madwar l-Ordni. Il-ġabra ta' Sibert de Beka f'dal-punt – u l-firxa tiegħu madwar l-Ordni kollu – jikxfulna l-elementi essenzjali tat-talb Karmelitan, almenu saż-żmien qabel l-1563.

L-Ordinal baqa' jżomm l-ispirtu tat-talb tal-ewwel Karmelitani, jiġifieri, iċ-ċentralità ta' Kristu, l-eżempju qaddis ta' Elija u wlied il-profeti, u l-interċessjoni ta' Marija Verġni. Il-liturġija Karmelitana kienet tiddistingwihom fl-Ewropa għall-fatt li ġabu magħhom diversi elementi mill-wirt li kienu rċevew mill-Art Imqaddsa. Diġà semmejna l-memorja tal-Qawmien tal-Mulej iċċelebrata fl-aħħar Ħadd tas-sena liturġika. Ma' din inżidu l-memorja tal-Patrijarki Abraham, Iżakk, u Ġakobb, il-memorja ta' Santa Marija Maddalena, il-festa tat-Trasfigurazzjoni, u l-memorji ta' San Pietru u San Pawl. X'kien jgħid dan dwar il-ħajja spiritwali tal-Karmelitani? Il-viżjoni sabiħa tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet u t-trasformazzjoni sħiħa li din iġġib magħha kienu l-qafas tal-esperjenza spiritwali mgħejxa mill-Karmelitani. Il-fatt li r-Rit tas-Santu Sepulkru kien jiċċelebra din il-festa mhux biss fl-Għid imma wkoll f'Novembru – meta l-Knisja tiċċelebra l-festi tal-Qaddisin u l-Mejtin kollha – irid ifisser t-tama tal-Knisja fil-mewt u l-qawmien tagħna lkoll għal ħajja ġdida fi Kristu. Iċ-ċelebrazzjoni doppja tal-liturġija tal-Għid tenfasizza li Ġesù Rxoxt huwa l-kriterju għall-esperjenza spiritwali skont il-kariżma Karmelitana, jiġifieri, it-tisfija tal-umanità tagħna u t-trasformazzjoni tagħna fil-persuna ta' Ġesù; f'kelma waħda, il-kontemplazzjoni. Fl-esperjenza tagħhom ta' talb, il-Karmelitani kienu affaxxinati mill-wiċċ jiddi ta' Ġesù fuq it-Tabor li huwa fl-istess waqt il-wiċċ divin ta' Alla kif ukoll il-wiċċ tal-ħniena li jersaq lejn il-bnedmin fil-qagħda tagħhom ta' midinbin. Ta' min isemmi fil-fatt li fil-persuna ta' Marija Maddalena l-Karmelitani raw il-mudell kontemplattiv li jfittex lil "dak li mhux hawn", tiftix attent tal-Maħbub u l-Imgħallem Divin. Il-Karmelitani ġabu magħhom ukoll fil-Punent il-kult lejn San Ġużepp komplut b'testi u mudelli liturġiċi għaliex fih kienu jaraw mudell kontemplattiv li ħajtu għaddieha jieħu ħsieb Ġesù u Marija, iż-żewġ imħabbiet kbar tat-talb Karmelitan.

Jekk kien qawwi l-Kristoċentriżmu fit-talb Medjevali Karmelitan, daqstant kien qawwi l-element Marjan. Il-Karmelitani kienu – u għadhom sal-lum – jiċċelebraw bi mħabba speċjali kull memorja u festa Marjana fil-Knisja, kif ukoll introduċew pereżempju, il-festa tal-Viżitazzjoni u l-Preżentazzjoni ta' Marija fl-1393. Interessanti li l-Karmelitani f'dan iż-żmien riedu jżommu l-istess talb li jipprevedi r-Rit tas-Santu Sepulkru għall-festi marjani, ġest li juri lill-Karmelitani jżommu mal-għeruq tagħhom fil-Art Imqaddsa filwaqt li jistkennu taħt il-mant ta' Marija f'nofs it-taqlib kollu li kien għaddej minnu l-Ordni fl-Ewropa.


Adam Kossowski
"The Friars", Aylesford Priory, Kent.